# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 24 ta' Gunju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 11/2023 JPG**
**Kawza nru.: 29**

**UB**

**Vs**

**U b'digriet tal-5 ta' Mejju 2023 gew mahturda Dr Josette Sultana u PL Nadine Farrugia bhala Kuraturi Deputati ghal-missier assenti MG**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici datat 19 ta' Jannar 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

i. *Illi l-esponenti flimkien mal-intimat MG ghandhom wild minuri FG (Ref Com Number: 18265A) ta' X snin, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri, Dokument hawn anness u mmarkat bhala* ***'Dokument A'.***

ii. *Illi l-istess minuri ghandha protezzjoni internazzjonali abbazi ta' certifikat ta' protezzjoni hawn anness u mmarkat bhala* ***'Dokument B'.***

iii. *Illi ghal-ahhar sitt snin l-esponenti ilha trabbi lil bintha wahedha u minghajr ebda kontribuzzjoni tal-missier MG.*

iv. *Illi b'diffikulta enormi, l-esponenti hadet r-responsabillita' kollha tal-istess minuri FG wahedha stante illi m'hemm l-ebda kuntatt mal-missier MG.*

v. *Illi in oltre, l-esponenti taf bhala fatt, illi l-istess MG harab mill-pajjiz b'mod illegali u sal-lum hija ma kellhix kuntatt mieghu u ma tafx fejn qieghed jew fejn jirrisjedi.*

vi. *Illi ghalhekk l-esponenti tehtieg u m'ghandha assolutament l-ebda oggezzjoni illi tigi fdata bil-kura u kustodja assoluta ta' bintha FG, u kif ukoll li din tkompli tirrisjedi maghha ghal kull zmien li hu mehtieg.*

vii. *Illi stante li bintha qieghda illum tikber fl-eta, l-istess esponenti qieghda ssib diffikolta kull darba li tipprova tiehu decizjonijiet relatati ma edukazzjoni u sahha tal-istess minuri u dan ghaliex l-missier ghad ghandu l-kura u kustodja tal-istess minuri, minghajr ma huwa prezenti fil-pajjiz, jew jikkontribwixxi jew jaghmel kuntatt mal-istess minuri ghal aktar minn hames snin.*

viii. *Illi kontestwalment ma' dan ir-rikors l-esponenti qieghda tipprezenta rikors ghal-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-interessi tal-intimat MG.*

*Illi ghaldaqstant, prevja kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidrilHa xieraq u opportun, r-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli sabiex:*

i. ***Tordna*** *li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata eskulussivament f'idejn l-omm in vista tal-fatt li missier il-minuri huwa assenti mill-gzejjer Maltin, u ma hemm ebda mezz kif l-omm tista' tikkuntattja l-istess missier ghal ghajnuna u bzonnijiet li l-minuri jista' jkollha bzonn.*

ii. ***Tawtorizza*** *l-omm sabiex tiehu decizjonijiet kollha rigwardanti sahha, edukazzjoni u safar tal-minuri b'mod unilaterali minghajr htiega li jsir kuntatt verbali jew bil-miktub mal-missier*

iii. ***Tordna*** *li kull fejn hemm il-htiega ta' firma taz-zewg genituri, sew jekk biex il-minuri tattendi istituzzjoni edukattiva, jew extra-kurrikulari, u sew jekk ghal hwejjeg ohra, il-firma tal-omm tkun sufficjenti sabiex l-applikazzjoni titmexxa.*

iv. ***Tawtorizza*** *lill-omm sabiex tkun tista' tapplika ghall-passaport ghall-minuri, u tinghata d-dritt li tibqa' ggedded kull passaport sussegwenti li l-minuri jkollha bzonn sakemm l-minuri tilhaq l-eta' tal-maggoranza.*

v. ***Taghti*** *provedimenti ulterjuri rigwardanti l-minuri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-circustanzi*

*Bl-ispejjez.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Dr Josette Sultana u PL Nadine Farrugia, datata 24 ta' Mejju 2024 a fol 24 li taqra hekk:

*Illi f'dan l-istadju l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri tal-proceduri jekk ikun il-kaz;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-digriet pendent lite tat-30 ta' Ottubru 2023, vide fol 39;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

***Dr Sara Azabi, in rapprezentanza tal-International Protection Agency fi hdan ir-Refugee Commission, prodotta nhar it-30 ta' Ottubru 2023 (vide fol 42 et seqq)*** filwaqt illi ezebiet il-file tal-minuri u xehdet inghatat protezzjoni kemm lill-attrici u kif ukoll lill-minuri. (vide dok SA1).

Ziedet illi l-intimat kien ukoll applika ghall-protezzjoni internazzjonali u kien inghata status ta' protezzjoni sussidjarja. Spjegat illi l-intimat kien applika pero l-applikazzjoni tieghu giet rifjutata nhar is-26 ta' Jannar 2013. L-applikazzjoni tieghu regghet infethet u inghalqet bhala inamissibbli nhar it-13 ta' Lulju 2016. Illi minn dak inhar 'hawn me regax kien hemm korrispondenza bejn ir-Refugee Commission u l-intimat.

***L-attrici xehdet nhar it-13 ta' Marzu 2024 (vide fol 48C et seqq)*** u spjegat illi issa ilha Malta ghal circa hdax(11) – il sena u giet Malta flimkien ma' zewgha b'dghajsa. Illi mal-intimat kellha tifla, Fathija Fares Guthama. Hi u zewgha kienu ghamlu kwazi disa' (9) xhur jghixu f' Malta, illi imbaghad l-intimat telaq fis-sena 2016. Illi minn dakinhar l'hawn hi qatt ma regghet kellha kuntatt mal-intimat u dan qatt ma baghat xi flus ghall-minuri. L-attrici spjegat illi huma kienu t-tnejn mill-Ethiopia u kienu iltaqghu s-Sudan, b'dana illi huma qatt ma iltaqghu mal-familji rispettivi. Ikkonfermat illi zewgha kien refugjat bhalha.

L-attrici ikkonfermat illi apparti l-minuri bint l-intimat, hi ghandha iktar ulied mal-partner kurrenti taghha, u jirrisjedu kollha f'daqqa.

In ***kontro-ezami*** l-attrici ikkonfermat illi l-ahhar darba li rat lill-intimat kien il-Qorti meta kienu qieghdin jissepparaw, illi imbaghad l-intimat ma kienx attenda ghat-tieni appuntament, u li hadd minnhom ma kellu avukat. Dak iz-zmien il-kontendenti kienu diga qieghdin jghixu separatament minn xulxin.

***RPC David Parnis  xehed nhar is-27 ta' Mejju 2024*** u kkonferma illi l-Immigration Officer ma ghandhu l-ebda informazzjoni dwar l-intimat;

***Angela Craus xehdet nhar is- 27 ta' Mejju 2024*** ghan-nom u in rappresentanza ta' Identity Malta u kkonfermat illi dan l-ufficju ma kellu ebda informazzjoni dwar l-intimat.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici omm li talbet illi tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri FG li twieldet nhar X u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tal-minuri *a fol 5.*

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'kasi fejn si tratta ta' tfal minuri, ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.***[1] Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> *"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[2] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[3]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-***

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
[3] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.

***interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[4] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[5]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[6]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[7]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This***

---

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[5] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[6] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[7] Enfazi tal-Qorti.

> ***is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi gie ritenut ukoll illi meta *si tratta* ta' drittijiet tal-minuri vis-à-vis d-drittijiet tal-genituri l-Qorti hija fid-dover li tqis dejjem dak li hu fl-ahjar interess tal-minuri u dan peress li fil-maggor parti tal-kazijiet li jitressqu ghad-decizzjonijiet tal-Qorti tal-Familja, kull decizzjoni immankabilment thalli effett duratur fuq il-hajja tal-minuri u fuq il-hajja ta' dawk ta' madwar il-minuri.

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[8] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu mizzewgin u minn dan iz-zwieg twieldet il-minuri FG li ghandha X snin. Mill-provi prodotti in atti, jirrizulta illi l-partijiet kienu t-tnejn refugjati meta iltaqghu s-Sudan, ghalkemm huma t-tnejn ta' nazzjonalita Etiopjana.

Il-Qorti tosserva illi minkejja diversi tenattivi da parti tal-abbli Kuraturi Deputati, ma setgha jsir l-ebda kuntatt mal-intimat, li skond it-testimonjanza tal-attrici jidher illi telaq mill-pajjiz

[8] Enfazi tal-Qorti.

ghal habta tas-sena 2016 meta l-partijiet kienu bdew proceduri ta' separazzjoni legali. Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha biss quddiemha provi prodotti mill-attrici omm.

Illi din il-Qorti ma tqisx illi ghandha tiddubita minn dak rilevat mill-attrici. Din il-Qorti tosserva illi effettivament l-intimat ftit li xejn kien prezenti fil-hajja tal-minuri, u llum il-minuri qieghda titrabba mal-omm flimkien mal-partner tal-omm, u "*half-siblings"* mir-relazzjoni kurrenti tal-omm. Illi din il-Qorti rat ukoll illi tul is-snin li l-intimat ilu assenti mill-pajjiz huwa naqas milli jaghti kontribut finanzjarju tieghu ghat-trobbija tal-istess minuri. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi filwaqt li din il-Qorti taghraf illi c-cirkostanzi li l-partijiet jinsabu fihom, l-intimat naqas milli jonora l-obbligi imposti mill-Ligi fuqu qua genitur, u fic-cirkostanzi din il-Qorti tqis illi jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti omm, li ghandha wahidha minghajr l-firma, awtorizzazzjoni, kunsens jew presenza tal-intimat missier, tiehu d-decizjonijiet ordinarji jew straordinarji kollha fir-rigward tal-minuri ghal dak kollu li jirrigwarda l- edukazzjoni, s-sahha, attivitajiet extra-kurrikulari, safar u l-passaport tal-minuri, il-gbir u t-tigdid tieghu dan fl-ahjar interess tal-istess minuri.

Illi fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tordna illi r-residenza u kif ukoll id-domicilju, u residenza abitwali tal-minuri ghandha tibqa' mal-attrici omm u tordna illi l-intimat ghandu jigi zvestit minn kull setgha u jeddijiet ta' genitur.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri FG tigi fdata esklussivament f'idejn l-omm b'dana illi illi r-residenza primarja u kif ukoll id-domicilju, u residenza abitwali tal-minuri ghandha tibqa' mal-attrici omm u tordna illi l-intimat ghandu jigi zvestit minn kull setgha u jeddijiet ta' genitur;**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tawtorizza l-omm sabiex wahidha tiehu d-decizjonijiet ordinarji jew straordinarji kollha fir-rigward tal-minuri FG ghal dak kollu li jirrigwarda l- edukazzjoni, s-sahha, attivitajiet extra-kurrikulari, safar u l-passaport tal-minuri, il-gbir u t-tigdid tieghu u dan fl-ahjar interess tal-istess minuri u dana**

**minghajr l-firma, awtorizzazzjoni, kunsens jew presenza tal-intimat missier;**

3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna li kull fejn hemm il-htiega ta' firma taz-zewg genituri, sew jekk biex il-minuri tattendi istituzzjoni edukattiva, jew extra-kurrikulari, u sew jekk ghal hwejjeg ohra, il-firma tal-omm tkun sufficjenti sabiex l-applikazzjoni titmexxa;**

4. **Tilqa' r-raba talba u tawtorizza lill-omm sabiex tapplika u ggedded l-passaport ghall-minuri, sakemm l-minuri tilhaq l-eta' tal-maggoranza u dana minghajr il-firma, kunsens jew presenza tal-intimat.**

**L-ispejjes kollha ghandhom ikunu a karigu tal-intimat izda provizorjament jithallsu mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**